MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 466/2004/1

**RICHARD JOHNSTON ezercenti l-kummerc bl-isem SA Trading**

**Vs**

**SIGN IT LIMITED**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tat-27 ta’ Novembru 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“Il-Qorti:-*

*Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandekx tkun ikkundannat thallas is-somma ta' elfejn mija u hmistax il-lira Maltin u disghin centezmu, (Lm2,115.90c) raprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta fuq ordnijiet taghha stess, skond kopji ta' invoices hawn annessi u mmarkati Dok A1-A17, bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 t'April, 2004, kontra s-socjeta konvenuta li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

*Ra wkoll in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta konveunta fejn tesponi bir-rispett;*

*Illi d-domandi atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-materjal supplit kien difettuz tant li l-attur accetta dan u ssostitwixxa parti mill-materjal b'materjal iehor per' is-socjeta konvenuta sofriet danni b'telf ta' profitt peress illi terzi persuni li xtraw dan il-materjal mahdum, ma ridux ihallsu lis-socjeta' konvenuta ta' xogholha;*

*Illi l-attur huwa responsabbli ghall-hsarat sofferti mis-socjeta konvenuta tant li b'dan l-avviz huwa qed jipprezentaw kontro-talba ghall-likwidazzjoni tad-danni minnha sofferti;*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Ra wkoll il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta fejn tesponi bir-rispett;*

*Peress illi l-atturssuplixxa lis-socjeta konvenuta materjal diffetuz;*

*Peress illi s-socjeta' konvenuta hadmet dan il-materjal ghal terzi persuni u harget hax-xoghol taghha diversi 'invoices' lil terzi;*

*Peress illi dawn it-terzi ma jridux ihallsu lis-socjeta' konvenuta tax-xoghol lilhom supplit stane li dan kien difettuz mhux tort tas-socjeta' konvenuta;*

*Peress illi l-attur ammetta li din il-merkanzija kienet difettuza;*

*Peress illi l-attur huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta konsistenti fil-valur tal-invoices mahruga mis-socjeta' konvenuta lil terzi stante li dawn mhuwiex imhallsa;*

*Peress illi l-attur ghandu jhallas lis-socjeta' konvenuta danni minnha sofferti ekwivalenti ghall-'invoices' mhux pagati rapprezentanti xoghol mhux imhallas minhabba konsenja ta' materjal difettuz mill-attur lis-socjeta' konvenuta;*

*Peress illi l-attur ghandu jigi kkundannat ihallas dik is-somma hekk likwidata lis-socjeta' konvenuta;*

*Ighid l-attur, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi;*

*Ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta fil-valur tal-'invoices' mahruga mis-socjeta' konvenuta lil terzi kif fuq inghad;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' konvenuta konsistenti fil-valur tal-'invoices' mahruga mis-socjeta' konvenuta lil terzi li ma gewx imhallsa;*

*3. Tikkundanna lill-attur ihallas lis-socjeta' konveuta dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-attur in subizzjoni.*

*Ra wkoll l-eccezzjonijiet ghal kontro-talba;*

*Illi l-kontro-talba tas-socjeta konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;*

*Illi ghandu jirrizulta illi l-attur diga hareg 'credit note' fiz-zmien opportun lis-socjeta' konvenuta ghal ammont kollu tal-materjal illi qed tallega illi kien difettuz u dan apparti li skonta il-prezz ta' materjal gdid li nbiegh lilha biex jintuza fix-xoghol taghha;*

*Illi in vista tas-suespost l-attur ma jista jkollu l-ebda tort jew htija ghad-danni reklamati mis-socjeta' konvenuta, liema danni fi kwalsiasi kaz ghad irid jigu ppruvati;*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Semghet il-provi;*

*Rat l-atti tal-kawza;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob lis-socjeta' konvenuta thallsu ammont rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugh u konsenjata lilha kontra fatturi. Is-socjeta' konvenuta tirritjeni illi l-materjal supplit kien difettuz u dan kien in parti mibdul mill-attur izda sofriet danni meta l-klijenti taghha naqsu milli jhallsu ghall-prodott mahdum fuq il-materjal supplit mill-attur. L-istess socjeta' konvenuta prezentat talba rikonvenzjonali ghad-danni minnha sofferti kawza tal-materjal hazin supplit mill-attur;*

*Illi kif jemergi mill-provi, l-attur issuplixxa, fost materjal iehor, diversi rombli ta' karta self adhesive lis-socjeta' konvenuta li da parti stampat l-istess karta u mmuntata skond specifications tal-klijenti taghha f'Malta kif ukoll fl-esteru. Gara illi din il-karta, b'kollox ammontanti ghall-ghoxrin romblu, kienet difettuza u dan kien rikonoxxut mill-attur tant illi rrifonda l-prezz permess ta' credit notes anke jekk mhux l-ammont kollu kien ritornat. L-attur issuplixxa ukoll materjal iehor pero' s-socjeta konveuta ma baqghet ma hallsitx tieghu ghaliex tghid illi hi sofriet danni fl-istampar mill-gdid, trasport u telf ta' klijenti minhabba l-karta difettuza. Dan in succint huwa devolut ghar-rizoluzzjoni minn din il-Qorti;*

*L-attur xehed illi a fol. 17 hemm invoice ta' 20 romblu self adhesive paper fl-ammont ta' Lm1095.00 konsenjati lis-socjeta' konvenuta. Kif gia intqal, wara li rrizulta difett f'din il-karta, l-attur kien hareg tlett credit notes ghall- 20 romblu izda fl-ammont ta' Lm1012.00 u dan ghaliex ammont ta' metri minn xi rombli kienu inbieghu lill-terzi. Oltre dan, u bhala kumpens, l-attur issuplixxa materjal hafna aktar superjuri, din id-darba vinyl izda bi prezz skontat. Inoltre l-attur reggha ikkonceda li jaghti skont akbar kif mitlub mis-socjeta' konvenuta fuq il-vinyl b'dan illi kull roll kien qed ikun skontat ghal Lm49 minflok il-prezz ta' Lm70. Meta talab il-hlas tal-konsenji li saru wara l-incident tal-karta difettuza, s-socjeta' konvenuta kienet tiprometti hlas wara li hi stess tithallas ghal-xogholijiet*

*li ghamlet lill-Gvern u f'dak iz-zmien qatt ma kien hemm ilmenti ta' xi danni sofferti;*

*L-attur esebixxa 14-il invoice, 16 minnhom dwar konsenja ta' self adhesive vinyl u wahda minnhom dwar self adhesive reels b'din tal-ahhar tirreferi ghall-karta difettuza izda a fol 35,36 u 37 huwa esebixxa ukoll tlett credit notes li allura jikkancellew l-invoice a fol 17 bin-numru 002340. B'hekk it-total tal-ammont tal-invoices minn fol 3 sa fol 16 huma ta' Lm2915.30 u l-Qorti tifhem li ghalhekk minn dan l-ammont l-attur qed jitlob hlas ta' bilanc fl-ammont ta' Lm2115.90. B'din ix-xhieda, l-attur ghalaq il-provi tieghu;*

*Tajjeb illi jkun senjalat f'dan l-istadju illi l-konsenja tas-self adhesive vinyl bi prezz ridott kien supplit wara l-incident tal-karta difettuza u hafna minnu wara li kienet sorvolata dik il-kwistjoni bir-rifuzzjoni tal-prezz permezz ta' credit notes;*

*Il-Managing Director tas-socjeta' konvenuta xehed illi wara li kienet intuzat il-karta supplita mill-attur, x-xoghol stampat kien twahhal fuq boards ghal-klijenti u kkonsenjaw l-istess anke barra minn Malta izda irrizulta li bdiet diehla l-arja bejn il-karta u l-Boards u ghalhekk kellhom diversi ilmenti. Konsegwenza ta' dan, f'certi kazijiet kellhom jergghu jaghmlu x-xoghol mill-gdid, jergghu jibghatuh barra a spejjez taghhom u f'kazijiet ohra kellhom jaghtu skonti. Uhud mill-klijenti telquhom minhabba dan ix-xoghol hazin. Dan ix-xhud ikkonferma illi l-attur irrikonoxxa d-difett u bidlilhom parti mill-konsenja izda mhux kollha. Tajjeb li jkun senjalat ukoll hawnhekk mill-Qorti illi l-attur hareg credit note tal-20 romblu hlief ghall-xi ftit metri;*

*L-istess xhud elenka dawk l-incidenti li taw lok ghad-danni subiti mis-socjeta' konvenuta. L-ewwel fosthom kien r-ritratt tal-lukanda Corinthia esebit gewwa Milan u minhabba d-difett kellu jkun ordnat ritratt kbir l-Italja u minhabba dewmien dan kien espost ghall gurnata wahda mill-*

*erbgha li fihom kienet miftuha tal-fiera. Dan kellu jittella l-Italja bl-arju bi spejjez akbar. Poster li kellu jintuza gewwa fiera tal-komputers fin-Naxxar ghall-klijent Microsoft ukoll kellu jsir mill-gdid. Jghid ukoll li l-attur tahom il-materjal lura u ried ihallashom ghad-discounts li taw li kienu jammontaw ghall-aktar minn elfejn lira maltin. Fid-deposizzjoni tieghu ix-xhud wieghed li jesebixxa l-ilmenti li rcieva izda ma kienx jaf jghid jekk inaghtax credit note jew le ghall-karta difettuza. Meta muri l-credit note jghid li din hija tal-materjal izda din ma tkopriex id-danni subiti. Imbaghad jghid illi bidlu l-materjal u x-xoghol xorta baqa' difettuz. Id-danni tas-socjeta' konvenuta jikkonsistu fl-istampart, il-freight, trasport ghall-barra u telf ta' klijenti;*

*Rapprezentant tal-Marsovin Group ikkonferma li kellhom problema b'xoghol ordnat minghand is-socjeta' konvenuta meta dan beda jintefah u dawn tbiddlu minnufih mill-istess socjeta';*

*Rapprezentant tal-Corinthia Hotels ikkonferma li l-posters li kellhom jintuzaw gewwa Londra u Milan kellhom jinbidlu u sar mill-gdid mis-socjeta' konvenuta;*

*Il-Communications Coordinator fil-Ministeru ghall-Investiment, Industrija u IT xehed illi back drop supplit mis-socjeta' konvenuta ma kienx ta' kwalita accettabbli u din kellha tinbidel. "Din inbidlet u wara li ghaddiet il-fiera kienu saru diversi negozjati biex jinghata skond fuq il-prezz … f'forma ta' xoghol b'xejn….marbut ma' attivitajiet ohra" (fol 61). L-iskont kien jirraprezenta 30% tal-prezz u tal-backdrop li kienet tiswa Lm3000 u b'hekk skont ta' Lm1000.00 (fol 71 sa 73).*

*Ikkunsidrat:*

*Illi minn dawn il-provi migjuba ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, jemergi illi s-sojceta' intimata ma ghandha l-ebda oggezzjoni dwar l-*

*ammont rapprezentanti bilanc somma dovuta minna lill-attur ghall-konsenja ta' diversi rombli ta' self adhesive vinyl. Dan il-vinyl kien suppliet bi prezz ridott sabiex jaghmel tajjeb ghad-difett fil-konsenja ta' ghoxrin romblu karta precedentment supplit lilha mill-istess attur. Minn dak li tista' tifhem il-Qorti, s-socjeta' konvenuta riedet tiddezisti milli thallas ghal dan il-vinyl in ezercitu tad-dritt taghha ta' retenzjoni ghall-pretensjoni ta' hlas ta' danni subiti;*

*Issa l-kwistjoni ta' danni allegatament subiti mis-socjeta' konvenuta kellha tigi minnha pruvata in linea mar-regola ei incumbit probation qui dicit non ei qui negat. L-Managing Director tas-socjeta' konvenuta xehed illi kellu jinbidel hafna xoghol a spejjez taghha; kellu jintbaghat barra minn Malta mill-gdid; kellha tqabbad kumpanija estera biex tistampa materjal li kellu jintuza gewwa fiera f'Milan; kellha klijenti li ma hallsux tax-xoghol u ohrajn li abbandunawhom. Dwar dan huwa esebixxa elenku ta' socjetajiet u korpi ohra li ma kienux sodisfatti u li kellu jaghti discounts fosthom wiehed qawwi ta' Lm1500 lill-Medialink u dan f'total ta' Lm3940. Tajjeb li jkun senjalat illi la Corinthia Hotels u lanqas il-Ministeru tal-Investiment u Industrija ma jirrafiguraw f'dan l-elenku meta l-Corithina Hotels kienet l-akbar wahda minn dawn il-problemi skond ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. L-istess xhud wieghed li jipprezenta kopja ta' korrispondenza dwar l-ilmenti tal-klijenti tieghu izda kull ma ressaq huwa elenku ta' klijenti redatt mill-istess socjeta' konvenuta. Dwar l-ilment tal-Ministeru tal-Investiment u Industrija, jidher li inghata skont ta' Lm1000. Pero' r-rapprezentant tal-Ministeru jghid illi l-backdrop kien debitament mibdul u ghalhekk jehtieg li jkun kjarifikat ir-raguni ghaliex inghata dan l-iskont la darba d-difett kien rimedjat. Dan l-iskont kellu jinfirex fuq xoghol futur mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta'konvenuta baqghet ma provdietx il-fattura tal-istamputur Taljan, haga din verament essenzjali sabiex ikun verifikat l-ammont zburzjat minnha. Wara kollox ix-xhieda f'dan ir-rigward hija pjuttost nebuluza ghaliex la darba tqabbad stampatur Taljan, xi htiega kien hemm illi x-xoghol jerga jkun mibghut mill-gdid minn Malta, tazzarda tistaqsi din il-Qorti. Issa jekk mat-total indikat bhala danni fid-dokument a fol 79 jizdied dak rigwardanti l-Corinthia Hotels u l-Ministeru tal-Industrija, allura l-ammont jissupera sew dak pretiz. Dan jindika biss li s-socjeta' ma tafx*

*x'inhuma d-danni minnha sofferti liema u b'hekk naqset milli tiddemostra l-l-aggravju taghha fil-konfront tal-attur;*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa t-talbiet tal-attur u tirrispingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta. Inoltre tichad il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attur ghall-din il-kontrotalba u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta' Lm2,115.90 llum ekwivalenti ghal Euro4928.72 skond it-talbiet kif ravvizati fl-avviz.*

*L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mis-socjeta' konvenuta".*

Bl-appell minnha introdott fil-konfront ta' din is-sentenza s-soċjeta intimata appellanti ressqet dawn l-aggravji:-

1. Illi jezistu kontradizzjonijiet bejn l-argumentazzjoni u l-konkluzjonijiet raggunti mill-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha billi filwaqt li tat ragun lis-socjeta intimata illi l-materjal mibjugh u ikkonsenjat kien fih id-difetti tant illi gew subiti danni konsiderevoli mill-istess socjeta, madanakollu imbaghad ghaddiet sabiex laqghet it-talba attrici u cahhdet il-kontro-talba ghal likwidazzjoni u kundanna ghal hlas ta' danni subiti minnha.

2. Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti stqarret illi l-attur kien ikkumpensa *in parte* lis-socjeta intimata ghat-telf li garrbet u kwindi kellha tindaga jekk dan il-kumpens kienx ikopri d-danni kollha subiti mill-istess socjeta.

3. Illi konsegwentement sar apprezzament zbaljat tal-provi u dan fid-dawl tal-fatt illi l-istess rikorrenti ammetta illi l-materjal mibjugh u ikkonsenjat kien difettuz.

Illi minn harsa lejn dawn il-lanjanzi jemergi illi dak li qed titlob is-socjeta appellanti huwa illi din il-qorti ta' revizjoni terga' taghrbel mill-gdid l-atti probatorji billi tishaq illi l-Ewwel Qorti ma wiznietx sewwa il-provi li kellha quddiemha. Dana ghaliex fil-fehma taghha kien hemm provi sufficjenti fl-atti li kienu jindikaw illi hija kienet batiet telf ta' qliegh minhabba l-fatt illi l-karta supplita mir-rikorrenti appellat kienet difettuza tant illi kellha tigi mibdula.

B'danakollu l-istess socjeta xortawahda kellha taghmel ix-xoghol mill-gdid lill-klijenti taghha li ilmentaw mill-fatt illi l-karta li fuqha gie stampat ir-reklam u li wara twahhal ma' *boards*, kien qieghed jaghmel il-bziezaq. Ta' dan hija sahhqet li kellha id-dritt li tigi ikkumpensata mir-rikorrenti u ghalhekk ressqet 'il quddiem it-talba taghha rikonvenzjonali.

Gustament l-appellat iwiegeb ghal dawn il-lanjanzi billi joggezzjona ghat-talba maghmula mis-socjeta appellanti fid-dawl ta' gurisprudenza kopjuza fejn dejjem gie ribadit illi qorti ta' revizjoni ma ghandhiex tkun imsejjha biex taghmel apprezzament mill-gdid ta' provi mismugha quddiem l-Ewwel Qorti jekk mhux ghal xi raguni gravi u impellenti li iwassal ghal ingustizzja ghal parti sokkombenti jekk ma isirx dan.

Illi din il-Qorti madanakollu ezaminat l-atti probatorji u studjat id-decizjoni li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti u ma setghet issib xejn x'ticcensura fiha ghaliex is-sentenza tikkontjeni studju analitiku tal-provi applikati ghat-talbiet imressqa miz-zewg partijiet. Kuntrarjament ghal dak li tilmenta minnu is-socjeta appellanti, ma hemm l-ebda kontradizzjonijiet fis-sentenza impunjata billi l-Ewwel Qorti ghamlet ezami analitiku tal-fatti kollha u cioe' tal-ezistenza ta' difetti, kif ammess mir-rikorrenti stess, fil-konsenja tal-materjal konsistenti f'karti *self adhesive*, fil-kumpens moghti mill-istess rikorrenti ghal dan id-difett bir-riduzjoni fil-prezz permezz ta' hrug ta' *credit notes* li ma kienx ikopri l-ammont kollu u bil-konsenja mill-gdid ta' materjal ta' kwalita superjuri bl-istess prezz tal-materjal originarajment ikkonsenjat, liema konsenja madanakollu baqghet ma thallsitx mis-socjeta appellanti u kwindi inbdew dawn il-proceduri. L-Ewwel Qorti qieset ukoll il-lanjanzi kollha tas-socjeta appellanti u l-ilmenti imressqa mill-klijenti taghha, ix-xoghol gdid li kellu isir fuq ir-reklami li twahhlu mal-*boards*, tant illi sahansitra itrattat wiehed wiehed l-ilmenti li allegatament saru minn kull klijent ta'l-istess socjeta u ix-xoghol mill-gdid li sar.

Dak li gie iccensurat mill-Ewwel Qorti kien in-nuqqas da parti tas-socjeta appellanti illi tressaq provi sufficjenti sabiex tissostanzja t-talba taghha ghad-danni billi lanqas hemm prova fl-atti dwar il-*quantum* tat-telf li allegatament sofriet l-istess socjeta. Jidher illi ghalkemm is-socjeta appellanti issostni illi hija kellha anke taghti xi skont lil xi klijenti, u ghalkemm tissemma ic-cifra ta' Lm3940, madanakollu l-ebda dokument ma gie esebiet in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet. Dawn in-nuqqasijiet da parti tas-socjeta appellanti fil-mod kif mexxiet il-produzzjoni tal-provi taghha huma elenkati *seriatim* lejn l-ahhar tas-sentenza impunjata u ghalhekk din il-Qorti mhijiex ser toqghod tidhol biex taghmel ezami mill-gdid taghhom.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi dan l-appell huwa ghal kollox frivolu billi ma hemm xejn fis-sentenza appellata li huwa remotament kontradittorju, izda

tikkontenji studju analitiku ta’l-atti kif imfassla fuq kollox mill-partijiet stess. Jekk kien hemm nuqqas minn naha tas-socjeta intimata, ghal dan trid twiegeb ghalih hi u certament ma tistax issa fi stadju ta’ appell titlob lil din il-qorti ta’ revizjoni tissana dana in-nuqqas. Il-piz tal-prova kien jinkombi fuqha biex tissostanjza dak minnha mitlub, haga li ma ghamlitx sodisfacentement sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp civili.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandha tbatiehom is-socjeta intimata appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------